# KAPITLU 3
# IL-KLASSI

L-angli l-godda mxew wara l-anglu anzjan gwida u ghaddew minn hafna bibien sa ma waslu f'sala kbira. Is-saqaf taghha kien tant gholi li bilkemm setghu jarawh. Kien jixbah lil wiehed minn dawk tal-katidrali kbar li hawn fid-dinja. Dan kien ta' vantagg ghal angli ghax setghu jtiru minn kamra ghal ohra minghajr inkomdu jew tfixkil.

Is-sala kienet ippakkjata. Angli bdew itiru minn kull direzzjoni ghall-klassijiet taghhom. Chaz waqaf ghall-mument f'nofs is-sala konfuz minn daqshekk attivita'.

"Ejja, Chaz!" ghajtet Sim minn fuq. Chaz xengel tnejn rasu u gie f'tieghu u tar mal-grupp ta' studenti godda mis-sala ghall-klassi gdida taghhom.

Meta wasal Chaz fil-klassi, Sim kienet diga sabet postha fuq quddiem net, kollha energija u attenzjoni biex titghallem dak li kien ser jintqal fl-ewwel lezzjoni, Il-bqija ta-siggijiet fil-klassi malajr intlew bl-istudenti angli godda. Kien biss baqa' bank wiehed vojt u dan kien precisament hdejn Sim.

"Chaz, hawnhekk," qaltlu Sim filwaqt li habbtet idha fuq is-siggu vojt biex turih li dak kien postu, "Erfajtlek post, ghalik."

Chaz ta harsa madwaru u lemah bosta angli jitkellmu ma’ ta’ hdejhom biex bhallikieku jintroducu lilhom infushom. Ghal l-ewwel darba innota kemm il-gwienah tieghu kien jidhru pjuttost stambi hdejn ta’ haddiehor. Tieghu kienu skuri filwaqt li ta’ shabu kienu cari.

“Mhux interessanti? X’jidhirlek Chaz?” qaltlu Sim. “Ghandi herqa kbira, ma nistax nistenna biex nibdew,”kompliet tistqarrlu b’entuzjanu gholi.




Chaz induna li Sim berqet ghajnejha hekk kif dawret wiccha lejn il-bieb, qabel ma huwa seta’ jtiha twegiba. Chaz dawwar harstu wkoll lejn il-bieb u lemah anglu kbir  jinzel helu helu mill-gholi sa ma serrah riglejh fuq pjattaforma ta’ l-injam fuq quddiem nett tal-klassi.

“Min jaf min hu  dak……..” qalet Sim. U minghajr ma lahqet temmet kliemha, l-anglu l-kbir introduca ruhu u qalilhom: “Jiena Barakjiel; merhba f’dan l-ewwel jum

taghkom fl-akkademja ta’ l-angli.”

“Jiena l-Arkanglu Barakjiel. Merhba fl-Akkademja ta’ l-Angli,” qalilhom il-majjistru taghhom bi tbisima. “U wkoll merhba ghal l-ewwel lezzjoni.”

Id Sim sparat ‘l fuq qabel ma Barakjiel seta’ jghid kelma ohra biex tiehu permess titkellem u tistaqsi.

“Iva, ghidli,” qalilha Barakjiel filwaqt li pponta subghajh lejha.

“Meta ser naraw bniedem?” staqsiet.

“Tidher herqana li tidhol ghax-xoghol li afdalek l-Altissimu b’entuzjamu kbir. Haga tajba hafna.” Barakjiel dawwar harstu madwar il-klassi kollha. “Alla ghazilkom biex tkun angli kustodji tal-bnedmin. Ma hiex haga hafifa. Hemm htiega ta’ thejjija kbira. Ix-xoghol taghkom huwa wiehed importanti, hafna mportanti.”

Anglu fuq in-naha ta’ wara ghollha idejh biex jitkellem. “Sinjur, x’inhu precizament ix-xoghol taghna?”

“Mistoqsija eccellenti,” wiegbu Barakjiel. “ Meta tkunu ggradwajtu fl-Akkademja bhala angli kustodji, jinstabilkom bniedem fid-dinja biex tharsuh u tiggwidawh fit-triq it-tajba. Ix-xoghol taghkom huwa wiehed semplici li tmexxuhom lejn il-genna.”

Kien hemm pawsa hekk kif l-angli qaghdu jikkunsidraw dan il-kliem ghal xi mumenti. Ghaz gholla idejh u meta ra li Barakjiel

ghamillu sinjal biex jitkellem, staqsa, “ Sinjur, ghaliex ma humiex diga’ il-genna? Xi bzonn hemm taghna?”

“Qed niehu gost li staqsejt din il-mistoqsija, anglu zaghzugh. Illum dan hu ezattament ser nibdew nitghallmu, ghaliex il-bnedmin ghandhom bzonna. Iva, tassew li jehtigilkom li taraw bniedem ghal l-ewwel darba. Hejju ruhhom. Ser nibdew.”

L-art ta’ tahthom bdiet timbidel. Il-hitan bdew jghibu biex fi ftit mumenti l-angli dehru imdawwra b’hafna shab qisu tajjar. Is-shab beda’ jdur u jdur madwarhom u minn abjad sar griz u dar b’hekk qawwa li mbidel f’rih qawwi taht saqajhom.

“X’qed jigri?” staqsiet Sim.

“Dan hu process biex imorru lura fiz-zmien,” qal Barakjiel filwaqt li gholla lehnu biex kulhadd jisimghu, billi l-irwiefen kotra bil-qawwa fi ftit sekondi. “ Sejrin immorru lura fiz-zmien meta beda’ il-holqien. Ser inzuru il-Gnien ta’ l-Eden.”

Barakjiel ferfer il-gwienah u tar ‘l isfel lejn il-qieh ta’ l-irwiefen u s-shab. L-angli l-ohra ghamlu l-istess u marru warajh.

“Smajtha Chaz,” qalet Sim. “ Ser niltaqghu ma’ bnedmin reali.”

Chaz ghamel bhalma ghamlet Sim, ghaddas rasu u nizel fil-qieh ta’ l-irwiefen li kienu jduru qishom lembut. L-irjihat qabduh u dawruh wahda sew, qisu tifel qed jilghab b’cippitatu, hekk li hass li kollox kien wieqaf. Ta harsa madwaru. Kollox kien ahdar. Flimkien ma’ l-angli l-ohra kien bilwieqfa fi gnien mill-isbah.